KLR 40/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ħamis 5 ta' Mejju 2016 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Maria Portelli, il-membri Dr Samuel Azzopardi, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone, u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membri Joseph Debrincat.

Il-laqgħa ġiet preseduta mill-membru Tabone peress li hu l-aktar membru anzjan li kien preżenti.

**1.Talba u Aċċettazjoni tal-kariga ta' Sindku u Viċi Sindku**

Intqalet it-talba.

Tressqet l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku lil Josef Scehmbri u dan aċċetta l-kariga. Tressqet ukoll l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi Sindku lil Maria Portelli u din aċċettat il-kariga.

**2. Approvazzjoni tal-minuti**

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat, KLR 38/VII/2016 u KLR 39/VII/2016.

Minn KLR 38/VII/2016

2.1 Skola Primarja ġdida fir-Rabat.

Is-Sindku ġbied l-attenzjoni rigward il-bini ta' skola primarja fir-Rabat. Hu qal li bħala ġenitur attenda laqgħa nformattiva li għaliha kien hemm preżenti l-Ministru għal Għawdex Dr Anton Refalo, il-Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo u l-Kap tal-Iskola Lelio Spiteri. Is-Sindku ta dettalji ta' x'intqal waqt il-laqgħa u l-aħħar verżjoni hi li hemm il-ħsieb li għall-iskola tintuża t-triq ta' bejn il-grawnd Leli Farrugia u l-*playing field* u anke' tintuża parti mill-*palying field* li hi devoluta lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet korrispondenza mingħand is-Segretarju Josef Borġ Segretarju Privat fil-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fis-6 t'April 2016, il-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Ministru t'Għawdex, iltaqgħu mar-residenti ta' 'The Duke' fejn instemgħu l-ilmenti u tressqu l-alternattivi. Fis-27 t' April saret laqgħa oħra fil-presenza taż-żewġ Ministri u l-uffiċjali tagħhom mal-partijiet interessati. Tressqet ukoll kopja ta' petizzjoni datata 9 ta Frar 2016 mibgħuta minn diversi persuni. Din il-petizzjoni ntbagħtet lill-Ministru għal Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor. Evarist Bartotlo.

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa lill-dawn l-entitajiet sabiex jingħataw aktar dettalji uffiċċjali.

## 3. Mozzjnijiet f'isem il-membri

<u>Mozzjoni numru 15</u>
Mozzjoni f'isem Michel Buttigieg u sek ondata mill-kunsillier Tabone.

**Wara li kien sar xogħol ta' pavimentar ġdid fi Triq San Ġorġ u anke' fis-sqaqien, kien sar qbil biex jinbidel il-pavimentar ta' Sqaq Numru 1 fejn toqgħod il-familja Formosa. Dan sallum għadu ma sarx b'pavimentar ġdid. Għalhekk qed nitlob biex jinbidel ukoll il-madum li hu kollu miksur u jsir porfido bħal-bqija tat-tiriq. Fil-passat kont ressaqt lill-kunsill li f'dan l-isqaq m'hemmx bżonn li jinbidlu s servizzi minħabba li dawn m'humiex daqshekk antiki.**

Il-membri qablu li l-Perit għandu jivverifika jekk il-Kunsill għandux materjal biżżejjed biex jinkesa dan l-isqaq u jekk hemmx bżonn li jinbidlu s-servizzi.

<u>Mozzjoni numru 16</u>
Mozzjoni f'isem Joseph Debrincat u ssekondata mis-Sindku.

**Peremezz ta' din il-mozzjoni li qiegħed inressaq nitlob lill-Kunsill biex jagħmel *Bye-Law* sabiex l-ebda' persuna ma tkun tista' tixrob xorb alkoħoliku fil-ġonna tar-Rabat speċjalment fil-*Villa Rundle*. Qiegħed jiġi nnotat li persuni ta' nazzjonalita' barranija qed ikunu kulljum jixorbu xorb alkoħoliku fil-*Villa Rundle* bil-konsegwenza li dawn qegħdin jiskru u jħallu l-fliexken warajhom. Twaħħlu diversi tabelli fil-ġonna biex ma jsirux dawn l-abbużi pero' xorta baqa' jsir dan l-abbuż. Dan il-każ ġie anke' rrapportat lill-pulizija pero' ġejt infurmat li l-pulizija ma tistax twaqqafhom milli jibqgħu jixorbu xorb alkoħoliku dment li dawn ma jkunux taħt l-eta'.**

**Għalkemm dawn il-ġonna ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-kunsill lokali pero' huma parti mill-lokalita' tagħna. L-awtoritajiet tal-pulizija nfurmawni li jrid ikun hemm *bye-law* minn naħħa tal-kunsill li tiprojbixxi dawn l-abbużi u l-pulizija tkun tista' tieħu l-passi neċessarji.**

**Nissuġġerixxi wkoll li f'din il-*bye-law* għandha tintalab ukoll biex fil-*weekends* ma jitħalliex isir abbuż ta' xorb fit-toroq ċentrali bil-konsegwenza li l-għada r-residenti ta' l-inħawi fi Triq Agius De Soldanis, Triq Palma, Triq Mons. Ġużeppi Farrugia u Triq is-Suq qegħdin isibu sentina ta' ħmieġ speċjalment wara l-bibien ta' djarhom.**

**Għaldaqstant qiegħed nitlob li nressaq din il-mozzjoni għal approvazzjoni tal-Kunsill.**

Il-membri qablu li jinbeda l-proċess ta' din il-*bye-law*. Din għandha tkun teskludi okkażjonijiet speċjali.

<u>Mozzjoni numru 17</u>
Mozzjoni f isem Michel Buttigieg.

**Xi ġranet ilu nbidel il-fanal li hemm fi sqaq numru 4 fi Triq San Ġorġ u minfloku saret bozza LED li għandha vultaġġ baxx. Minħabba dan in-nuqqas ta' dawl ġie rappuratat li anzjana waqgħet u weġġgħet. Għalhekk qed nitlob sabiex il-bozza li twaħlet riċentament jew tinbidel b'vultagg aktar qawwi jew teħel oħra ġo l-istess sqaq.**

Il-kunsillier Buttigieg irtira l-mozzjoni peress li ġo dan l-isqaq kein hemm bozza maħruqa u mhux bozza nieqsa.

## 4. *Update – Playing Field*

4.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-ħaddiema tal-Kunsill qed inaddfu l-*playing field* u wieħed minnhom ġie assenjat li jkun f'dan is-sit. Saret diskussjon rigward min ser ikun responsabbli sabiex jagħlaq il-*playing field* dment li jsir il-*fence* u sakemm ikun għad m'hemmx il-*kiosk* utiliżżata. Din għadha ma nbnietx minħabba nuqqas ta' fondi. Il-membri qalbu li għandu jiġi kkunsitdrat li dawn il-ħaddiema jagħlqu l-*playing field*.

4.2 Il-membri qablu li jiġi konsultat il-Perit sabiex jitkompla jittella l-ħajt ta' bejn il-*playing field* u r-residenza ta' Cefai. Dan għandu jinbena mill-kuntrattur li kellu l-offerta tax-xogħol tal-*playing field*.

4.3 Il-membri qablu li jinbeda l-proċess sabiex tinħareġ offerta biex jitqegħdu *litter bins* fil-*playing field*.

4.4 Tressaq *statement* fuq l-*equipment* fejn il-kuntrattur JGC Ltd. baqalu jitħallas l-ammont ta' €71,154.10. JGC Ltd bgħatu wkoll ittra legali permezz tal-avukati tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li dan l-ammont għandu joħroġ mill-Aġenzija tal-Pagamenti peress li hu kopert mill-fond tal-proġett tal-*playing filed* taħt Miżura 313 u qed tinsisti magħhom sabiex dan jiġi mħallas fl-inqas żmien possibli.

4.5 Tressqet emejl mingħand Reuben Borg għan-nom ta' *MaltaPlaygorunds* fejn staqsa meta ser tinfetaħ il-*playing field*. Din ser tinfetaħ meta jitlesta l-*fence*.

4.5 Emejl oħra mingħand Anthony Zammit, Direttur Eco-Gozo tgħid li l-ammont li kien ingħata lill-Kunsill fuq dan il-proġett (€21,000) u li Eco-Gozo qed tinsisti li jinġabar lura, ġie riferut lill-Ministeru tal-Finanzi. Il-membri qablu li billi dawn il-fondi ġew utiliżati fuq dan il-proġett kif miftiehem u billi l-Kunsill kellu jagħmel tajjeb għal bqija tal-fondi li ma ngħatawx mill-fond Eco-Gozo, il-Kunsill għandu jibqa' jinsisiti li l-ammont ta' €21,000 għandu jibqa' għand il-Kunsill.

## 5. Estmi 2016

Tressaq draft tal-estmi għas-sena 2016 u dan ġie approvat skont dokument A anness. L-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali għal din is-sena hi ta' €518,614.00 li hi €15,486.00 aktar mis-sena 2015.

## 6. Offerti:-

- ***Call of NGOs interested in constructing an NGO building and upgrading of surrounding area at Dr Anton Tabone Street***

Intefgħet offerta waħda skont dokument B anness. Din għandu jevalwha l-Perit.

- **Ġbir ta' Skart Goff**

Intefgħu tlett offerti skont dokument Ċ anness. Il-membri qablu li din l-offerta tingħata lil Nicholas Zammit peress il tefa' l-orħos prezz u d-dokumenti kollha meħtieġa kienu sottomessi kif mitlub.

- ***Manufacutre and Installation of galvanized wrought iron railings and perimenter fence at Victoria Playing Field***

Intefgħu ħames offerti skont dokument D anness. Dawn għandu jevalwhom l-Perit.

- ***Supply and Installation of bollards at Independence Square***

Intefgħu ħames offerti skont dokument E anness. Dawn għandu jevalwhom l-Perit.

**7. Jum il-Belt Victoria**

Il-membri qablu li din is-sena jiġu organiżżati l-kunċerti miż-żewġ Soċjetajiet tal-Baned Rabtin, *Leone Goes Pop* fl-4 ta' Ġunju u *RockAstra* fis-6 ta' Ġunju 2016. Is-Sindku għandu jiltaqa' mar-rappreżentanti ta' dawn il-baned skont ittra konġunta mibgħuta minnhom u datata 28 ta' Marzu 2016.

**8. Approvazzjoni tal-kontijiet**

8.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xhur t'April u Mejju 2016 skont dokumenti F u Ġ annessi.

8.2 Il-membri qablu li jinqata l-*metre* tad-dawl li hemm fix-xelter ta' Triq id-Dejqa peress li hu bla użu.

8.3 Għandha tintalab statistika ta' kemm jattendu anzjani Rabtin fid-*Day Care Centre*.

**9. Immanigjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għal-:-

9.1 parkeġġ riservat għall-uffiċċju tal-MTA fi Pjazza Indipendenza. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jivverifika jekk żdidux il-kaxxi għat-*taxis* fi Pjazza Indipendenza.

9.2 *slow signs* qrib il-bini tal-*Victoria Scouts* fi Triq Santa Dminka;

9.3 *timed communal un/loading bay* fi Triq l-Arċ. Pietru Pace quddiem il-ħanut 'Fabrix';

9.4 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 26, Triq Għajn Qatet;

9.5 *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Għjan Qatet ma Triq Wisitn Camilleri;

9.6 *un/loading bay* quddiem 'Moods' Triq Gorg Borg Olivier;

9.7 *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 'Antest Maison', Triq Borg Geritu;

9.8 *double yellow lines* fil-ġenb ta' garaxx biswit 'Papillon' Triq Ninu Cremona;

8.9 Ma nħariġx permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 17, Pjazza San Franġisk.

9.10 TM infurmat lill-Kunsill sabiex ineħħi l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' li hemm quddiem 'Gorset Hse.' fi Triq it-Tabib Anton Tabone peress li min kien jużha issa miet.

9.11 TM issuġġeriet sabiex il-ħinijiet tal-*un/loading* fi Pjazza Indipendenza jinbidlu u jsiru bejn is-06.00 u l-10.30 u bejn il-17.00 u t-20.00. Dan sabiex jiġu akkomodati l-ħwienet tal-merċa tal-lokal. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

9.12 issir *keep clear* quddiem 18, Pjazza Santu Wistin peress li s-sid juża' *mobility scooter*;

9.13 isiru l-*parking bays* fi Triq Santa Martha skont il-pjanta tal-Perit. It-triq tibqa *two way* u fiha jidħlu 26 parkeġġ;

9.14 Triq Karlu Galea tiddaħħal fis-sistema tal-parkeġġ ikkontrollat (Żona A). Dan wara li l-Kunsill irċieva petizzjoni ffirmata mir-residenti;

9.15 isiru *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' Green Meadows' fi Triq l-Imgħallem,

9.16 isiru *double yellow lines* biswit il-garaxx ta' Citadel View' fit Triq l-Kapuċċini;

9.17 fi Triq Mons. Guzeppi Farrugia teħel tabella *No Waiting*;

9.18 jitneħħew parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita fi Triq Sant. Ursula quddiem id-djar tal-persuni li kellhom dan il-parkeġġ u issa ġew nieqsa;

9.19 quddiem 234, Triq Papa Ġwanni Pawlu II ma jipparkjawx vetturi tqal. Dan minħabba l-fatt li din hi dar b'sular wieħed u fiha tgħix anzjana waħedha.

Il-membri qablu li:-

9.20 jiġi rappurtat lir-Reġjun Għawdex sabiex il-gwardjani lokali jaraw x'illegalitajiet qed isiru fit-toroq Ċetta Mintoff u Karolina Cauchi. Dan wara li daħlu lmenti rigward inġenji u vetturi pparkjat f'dan it-toroq;

9.21 l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 19 Triq San Duminku għandu jerġa jinżebah sabiex jintuża minn min għandu l-*blue sticker*;

9.22 jiġi suġġerit lill-TM sabiex sakemm jitlesta x-xogħol ta' *culverts* li qed isir fl-*area* ta' Qasam San Ġorġ, issir senjaletika provisorja li tiggwida s-sewwieqa speċjalment fil-*junction* ta' bejn it-toroq Dawwara, Wied, Ghedrin u Qasam San Ġorġ;

9.23 il-*bollards* li tpoġġew mingħajr permess quddiem il-Klinika tad-dentitst fi Pjazza J F Kennedy jiġu rappurtati lill-TM. Dan wara li daħal rapport mingħand sewwieq li baqa' dieħel ġo dawn il-*bollards*.

9.24 Korrispondenza mingħand John Gatt ta' 'John Mary Mansion', Triq il-Madonna tal-Ġilju tissuġġerixxi sabiex issir *road hump* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jivverifika jekk sid id-dar tan-naħħa l-oħra tat-triq jaqbilx li ssir din ir-*road hump.*

**10. Korrispondenza**

Tressqet Korrispondenza mingħand:-

10.1 id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prioritajiet fi ħdan is-Ssegretarjat Parlamentari għall-Presidenza UE 2017 u għall-Fondi Ewropej, rigward il-proġett tal-ERDF. Il-Kunsill ġie mgħarraf li mill-proġett li wettaq ġew frankati €7,450.07 inklużа l-VAT minn diversi kuntratti. Dawn il-fondi jmorru lura għand l-*Maniging Authority* tal-fondi Ewropej;

10.2 is-Segretarju Eżekuttiv fi ħdan ir-Reġjun Għawdex rigward ħruġ ta' offerti reġjonali f'isem il-Kunsilli Lokali;

10.3 is-Segretarju Eżekuttiv fi ħdan ir-Reġjun Għawdex rigward is-*CCTV Cameras* proposti mill-Kunsill fi Triq Gorg Borg Olivier. Ir-Reġjun Għawdex ma sabx oġġezjoni li dawn jitwaħħlu;

10.4 id-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti fejn ħarġu rapport sabiex is-siġar tal-parkeġġ ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex jinżabbru. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-applikazzjoni lill-MEPA sabiex jinżabbru s-siġar ta' Pjazza Indipendenza, Pjazza l-Assedju t'Għawdex u tal-parkeġġ il-kbir ġiet sottomessa lill-MEPA fi Frar li għadda. Il-permess għadu ma nħariġx. Il-membri qablu li għandha tiġi sottomessa applikazzjoni sabiex jinżabbru wkoll is-siġar ta' quddiem l-iskola Primarja tal-Vajringa;

10.5 *Transport Malta* rigward il-kiosks li jintramaw fit-*Taxi Stand* ta' Triq Taħt Putirjal fil-festi ta' San Ġorġ u Santa Marija. Il-Kunsill għandu jissuġġerixxi li t-*taxis* ikollhom parkeġġi riservati n-naħħa l-oħra tat-triq matul it-tlett ijiem ta' dawn il-festi;

10.6 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-kuntratt tal-iskema tal-Impjieg Inklussiv (CIES) ta' Anabel Spiteri ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2016;

10.7 is-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn għarrfet lill-Kunsill li ser tibda' tistieden il-membri tal-Kunsill kollha għall-attivitajiet li hi torganizża. Minn naħħa l-oħra s-Soċjeta' Filramonika La Stella, fl-aħħar attivita' li kellha, stiednet il-membri kollha tal-Kunsill ukoll.

10.8 l-MTA fejn talbu lill-Kunsill sabiex jirrevedu l-lista tat-toroq li ma jkunx jista' jsir xogħol ta' skavar u demolizzjoni fihom bejn il-15 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru. Il-membri qablu li dawn it-toroq għandhom ikunu hekk:- Dun Karl Bondi, Agius de Soldanis, Palma, Pjazza Indipendenza, Pjazza San Ġorġ, Pjazza Savina, Pjazza Santu Wistin, Repubblika u Taħt Putirjal.

10.9 l-ETC fejn bgħatet lista ta' persuni li qed jirreġistraw bħala skrivani/messaġġiera. Din is-sejħa nħarġet bi żvista u l-membri qablu li tiġi rtirata;

10.10 Magro Bros. Ltd. fejn talbu sabiex isiru toqob għal-antarjoli fi Triq l-10 ta' Ġunju. Dan minħabba l-fatt li ser jorganiżżaw attivita' fil-*Villa Rundle* f'egħluq il-100 sena anniversarju ta' din il-kumpanija. Il-membri ma qablux li jsiru dawn it-toqob peress li l-armar jista' jsir quddiem il-*Villa Rundle* fejn diga' hemm toqob għal-antarjoli.

10.11 id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali li bagħtet ċirkulari rigward il-kontroll tal-virus Żika;

10.12 Andrew Grima, Segretarju Ġenerali tal-*European Walled Towns* rigward inizjattivi varji;

10.13 Albert Falzon għan-nom tal-Fondazzjoni Termi Zammit fejn il-Kunsill qabel li jipparteċipa fil-proġett *Future of OurPast*;

10.14 Anthony Farrugia fejn issuġġerixxa biex jissemmew toroq għall-Patri Michel'Angelo Axisa O.F.M. Conv., għall-Kirurgu Calcedonio Speranza u għal-Arċipriet Fortunato Cutajar. Dawn is-suġġeriment ser jintbgaħtu lill-Kumitat għall-ismijiet tat-Toroq fi ħdan il-Ministeru għal-Għawdex;

10.15 il-Perit Emanuel Vella għan-nom ta' Valerio Asti li qed jitlob permess sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet biswit il-ħanut 'Capitan Spriss' fi Triq Repubblika. Il-membri ma qabux peress li dawn ser jostakolaw il-bankina u ma jkun hemmx wisa' biżżejjed għall-pedonali;

10.15 Perit Edward Scerri għan-nom ta' Dione Lautier li qed jitlob permess sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet quddiem il-ħanut 'Pjazza Cafe' fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li dawn jitpoġġew fil-parametri tal-*area* approvata f'din il-pjazza biex fiha jitpoġġew mwejjed u siġġijiet skont permess numru PA 8189/05;

10.16 Joe Louis Xiberrras rigward *Giochi Senza Frontieri – Its' a Knockout* li tiġi organiżżata fis-sajf;

10.17 Sarah Calleja rigward programm televiżiv imtella minn *Star Line Creations*;

10.18 il-*Malta Dog Friendly* rigward *dog parks* ġodda;

**Korrispondenza u talbiet ralatati mad-dawl tat-toroq**

Il-membri qablu li jiġi suġġerit li jsiru talbiet għall-bozzoz ġodda fi:-

10.19 Triq l-Ewropa fejn 'It-Tmun Restaurant';

10.20 Triq l-Imgħallem qrib 'Santa Marija';

10.21 Triq Ta' Pinu quddiem razzett ta' Adeodata u Joseph Saliba.

Il-membri qalbu li:-

10.22 tiġi ordnata l-bozza (PR92 15) għal Triq is-Sellum;

10.23 tiġi approvata l-istima ta' Galea Curmi fuq il-bozzoz li għandhom isiru ġodda fi Triq Sant' Orsla u Triq Papa Ġwanni Pawlu II. Dawn ser jiġu jiswew €764,88;

10.24 l-arblu bil-bozza li għandu jsir ġdid fi Triq Karolina Cauchi (PR 50 15) jsir fit-triq eżatt mal-bankina. Mhux ser issir fuq il-bankina peress li l-bankina ma tibqas aċċessibli. Għandu jsir l-aħħar tentattiv sabiex il-Kunsill jiprova jwaħħal il-bozza bejn id-djar 'Maria Bamb ina' u 'Angielel'.

**11. Materji oħra**

**Il-membri qablu li:-**

11.1 minn Ottubru 2016 'l quddiem jiġu organiżżati *Dance Fit Classes*;

11.2 jiġi rappurtat lil Gvern Ċentrali li billi qed isir xogħol ta' kisi bit-tarmac fl-*area* ta' Qasam San Ġorġ għandhom jitranġaw il-bankini u jkunu mingħajr għetiebi. Dawn mill-kantuniera ta' Triq Borg Geritu sal-kantuniera ta' Triq Antonio Mallia. Dan kif ġie suġġerit minn resident;

11.3 ssir lapida kommemorattiva f'ġieħ Patri Akkursju Xerri fil-pjazzetta li msemmiha għalih. M'għandiex tinqabeż l-ispiża ta' l-fuq minn €500;

11.4 jitranġa l-*culvert* li sar minħabba l-ilqugħ tal-ilma tax-xita fl-ewwel parti ta' Triq Vajrinġa.

11.5 issir grada li tkun tinqala' fuq il-gandott li hemm fi Triq Vajrinġa kantuniera ma Triq Sir Arturo Mercieca;

11.6 l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-qsari li saru permezz tal-proġett *Greening the Communities*, jibqa' jagħmel il-manutenzjoni u t-tisqija neċessarja lil dawn il-qsari;

11.7 isiru żewġ qsari fuq iz-zuntier tal-kapella ta' Santa Martha;

11.8 issir bankina quddiem 'Villa Musica' fi Triq il-Mitħna;

11.9 issir rampa bil-*bricks* quddiem 'Gapstow' fi Triq Wied is-Seqer;

11.10 jitranġaw il-ħsarat li hemm fil-bankina ta' quddiem 'Gretna Green' fi Triq Pawlu Portelli;

Il-membri ġew mgħarrfa li:-

11.6 nġabru €10,000 mill-iskema tal-attivitajiet li jmorru fuq l-ispejjes ta' *New Year's Eve in the City* 2015;

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju 2016 fis-18.30.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |